

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 732/2009

tal-10 ta' Awwissu 2009

li jemenda għall-111-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprobjixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjuriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan⁽¹⁾, u b' mod partikolari fl-ewwel inċiż tiegħu tal-Artikolu 7(1),

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament. Kien jinkludi s-sur Uthman Omar Mahmoud.
- (2) Il-Qorti ta' Prim'Istanza ddeċidiet fil-11 ta' Ġunju 2009⁽²⁾ li tannulla Regolament (KE) Nru 881/2002, fdak li jirrigwarda s-sur Omar Mohammed Othman.
- (3) Qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Kummissjoni ppublikat avviż⁽³⁾ għall-attenzjoni tas-Sur Uthman Omar Mahmoud sabiex jinfurmawh li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar Al Qaida u t-Taliban tan-NU pprova r-raġunijiet għall-elenkar, li jkunu komunikati meta mitluba bl-iskop li jagħtuh l-opportunità li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn ir-raġunijiet. Barra minn hekk, permezz tal-kommunikazzjoni datata 12 ta' Ġunju 2009, ir-raġunijiet għall-elenkar ġew notifikati lis-Sur

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbi direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2009.

Uthman Omar Mahmoud, fl-indirizz tal-avukat tiegħu, fejn intalab jagħti l-opinjoni tiegħu sal-14 ta' Lulju 2009.

- (4) Il-Kummissjoni ma rċiviet ebda kumment dwar ir-raġunijiet għall-elenkar mill-persuna elenkata.
- (5) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, imfassla mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar Al Qaida u t-Taliban tan-NU, tinkludi lis-Sur Uthman Omar Mahmoud.
- (6) Għal dan il-għan, is-Sur Uthman Omar Mahmoud għandu jiżdied fl-Anness I.
- (7) Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet emenda l-informazzjoni dwar l-identità fit-24 ta' Marzu 2009. L-informazzjoni ppubblikata⁽⁴⁾ li tikkonċerra s-Sur Uthman Omar Mahmoud għandha tiġi aġġornata.
- (8) Dan ir-Regolament għandu japplika mit-30 ta' Mejju 2002, meta wieħed iqis in-natura preventiva u l-għanijiet tal-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-operaturi ekonomiċi, li kienu qed jistrieħu fuq il-legalità tar-Regolament annullat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mit-30 ta' Mejju 2002.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDĀBURU

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ Sentenza tal-kawża T-318/01, Omar Mohammed Othman vs. il-Kunsill (għadha ma għietx ippubblikata).

⁽³⁾ ĠU C 80, 3.4.2009, p. 12.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 374/2008 (ĠU L 113, 25.4.2008, p. 15).

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżidied taħt l-intestatura "Persuni naturali":

"Uthman Omar **Mahmoud** (magħruf ukoll bħala (a) Uthman, Al-Samman, (b) Uthman, Umar, (c) Al-Filistini, (d) Abu Qatada, (e) Takfiri, Abu Umr, (f) Abu Umar, Abu Omar, (g) Umar, Abu Umar, (e) Abu Ismail). Data tat-twelid: (a) 30.12.1960, (b) 13.12.1960. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.10.2001. Tagħrif ieħor: Detenut fir-Renju Unit sakemm jitlestew il-proċedimenti ta' deportazzjoni (sa Marzu 2009)."
